Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 1/2017

**In-Nutar Charles Vella Zarb**
**(appellant)**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali**
**(appellat)**

20 ta' Mejju, 2019.

1. **Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili fis-17 ta' Ottubru 2017 b'rabta ma' rapport numru 93/15 tal-uffiċjal reviżur, fir-rigward tal-atti 187 u 189 tal-1989.**

2. In suċċint, il-fatti li taw lok għall-appell odjern kienu s-segwenti:

2.1. In-Nutar Vella Zarb kien volontarjament talab li l-atti tiegħu għas-snin 1988 sa 1999 jiġu reviżjonati minejja li ma kienx obbligat bil-liġi jagħmel dan.

2.2. L-uffiċjal reviżur assenjat lilu, Dr. Richard Vella Laurenti, irriskontra rriskontra xi nuqqasijiet u ppreżenta r-rapporti relattivi fil-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili. Ir-rapport għas-sena 1989 huwa l-mertu tal-proċeduri odjerni.

*2.3. Fil-15 ta' Ġunju 2015, wara li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili rat ir-rapport tal-uffficjal reviżur, u li ma saret ebda kontestazzjoni min-Nutar konċernat fit-terminu mogħti lilu bil-liġi, iddekretat illi:*

> *'... wara li rat l-artikolu 142 tal-Kap. 55, tikkonferma r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur in kwantu li l-azzjoni dixxiplinari kontra n-Nutar Dottor Charles Vella Zarb għall-kontravenzjonijiet konstatati hija preskritta bit-trapass ta' ferm aktar minn ħames (5) snin.*

***Pero tordna lin-Nutar Vella Zarb li fi żmien tletin (30) jum jippreżenta lill-Uffiċjal Reviżur in-noti ndikati fil-paragrafu (c) tar-Rapport u li n-numru tagħhom jiddaħħal fil-marġini tal-att u fl-istess żmien jannetti kull dokument li għamel riferenza għalih fl-atti 187 u 189, ċioé kopja ta' prokura u delega rispettivament.***

*Tordna li, wara li jsir dak preskritt fil-paragrafu preċedenti għas-sodisfazzjon tal-Uffiċjal Reviżur – li għandu jiċċertifika li dan ikun sar b' nota appożita – l-atti jiġu depożitati fl-arkivju a kura tal-uffiċjal reviżur skond il-liġi.'*

2.4. Permezz ta' rikors datat 24 ta' Lulju 2015, in-Nutar Vella Zarb talab aktar żmien sabiex ikun jista' jagħmel dak kollu ordnat mill-Qorti.

2.5. Permezz ta' nota datata 27 ta' Lulju 2015, l-Uffiċjal Reviżur informa lill-Qorti li n-Nutar Vella Zarb ma kienx għamel dak ordnat mill-Qorti permezz tad-digriet tal-15 ta' Ġunju 2015.

2.6. Permezz ta' digriet datat 4 t'Awissu 2015, l-Ewwel Qorti pprorogat t-terminu ta' tletin (30) jum mogħti lin-Nutar Vella Zarb sabiex jagħmel dak mitlub minnu, għal daba waħda biss sat-30 ta' Settembru 2015, u rriżervat li wara dik id-data tapplika s-sanzjonijiet kollha kontemplati mil-liġi kontra l-istess Nutar jekk jonqos milli jidempixxi l-ordnijiet lilu mogħtija.

2.7. Permezz ta' rikors ulterjuri datat 30 ta' Settembru 2015, in-Nutar Vella Zarb talab estensjoni ulterjuri tat-terminu mogħti lilu stante raġunijiet familjari.

2.8. Il-Qorti ċaħdet it-talba u ordnat lin-Nutar Vella Zarb jidher quddiemha fis-6 t'Ottubru 2015 ħalli jwieġeb għan-nuqqas tiegħu u rriżervat li tieħu kull pass dixxiplinarju opportun.

2.9. Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2015, in vista tar-raġunijiet li ta n-Nutar Vella Zarb u tal-wegħda solenni li għamel bil-ġurament, li fi żmien zahar ikun laħaq ottempora ruħu ma' dak lilu ordnat, bla preġudizzju għal kull penali li seta' nkorra sallum u li għad irid jinkorri minħabba l-inadempjenza tiegħu, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili akkordatlu għall-aħħar darba żmien sal-15 ta' Novembru 2015 biex jagħmel dak kollu lilu ordnat.

2.10. Fis-17 ta' Novembru 2015, l-uffiċjal reviżur informa lill-Qorti li filwaqt li l-Nutar Vella Zarb ottempora ruħu in parte ma' l-ordni tal-Qorti, baqa' ma annettiex id-dokumenti neqsin fl-att numru 187 u 189 ċioé ta' prokura u delega kif indikati fil-paragrafu (d) tar-rapport.

2.11. Permezz ta' deċiżjoni finali mogħtija fis-17 ta' Novembru, 2015, fl-atti tar-rapporti numri 92, 93, 94, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 101, 102 u 103, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili:

> '...
>
> *Rat li min-Noti tal-Uffiċjal Reviżur tat-13 ta' Novembru, 2015, u mill-informazzjoni ulterjuri minnu mogħtija jirriżulta li n-Nutar Vella Zarb ottempora ruħu mal-ordnijiet lilu mogħtija minn din il-Qorti fir-rigward tas-snin: 1988 (Rapport Nru 92/15); 1992 (Rapport Nru 96/15); 1996 (Rapport Nru 100/15); 1997 (Rapport Nru 101/15); 1998 (Rapport Nru 102/15) u 1999 (Rapport Nru 103/15) billi rreġistra n-noti li kellu jagħmel, hu xorta waħda baqa' "in toto" jew "in parte" inadempjenti għas-snin l-oħra kollha u ċioé 1989, 1990, 1991, 1993, 1994 u 1995 u dan minkejja l-wegħda solenni tiegħu bil-ġurament li kien ser jagħmel dan fi żmien xahar mis-6 t' Ottubru, 2015.*
>
> *Rat li minkejja t-termini mogħtija u l-estensjoni ripetuta tagħhom, in-Nutar baqa' inadempjenti w għalhekk, wara li rat l-artikolu 124(1)(2) u (4) tal-Kap.55 tal-Liġijiet ta' Malta, **tordna l-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili b' effett millum u sa meta hu jkun ottempora ruħu pjenament mal-ordinijiet lilu mogħtija minn din il-Qorti fi-deċiżjonijiet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2015, fil-każijiet tar-Rapporti Numri 93/15, 94/15, 95/15, 97/15, 98/15 u 99/15** u dan b' riżerva ta' sanzjonijiet ulterjuri jekk dan jibqa' ma jsirx.*
>
> ***Tordna li l-inkartament tar-Rapporti l-oħra w ċioé 92/15, 96/15, 100/15, 101/15, 102/15 u 103/15 jiġu arkivjati.***'

2.12. Permezz ta' rikors datat 4 ta' Novembru 2016, l-uffiċjal reviżur talab lill-Qorti sabiex il-volumi tas-sena 1989 tan-nutar Charles Vella Zarb li kienu jinsabu fil-pussess tiegħu jittieħdu l-Arkivju Nutarili. Talba li ġiet milqugħa fid-29 ta' Novembru 2016 b' dana li jitqiesu li għadhom mhux vizitati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, sakemm ikun hemm ordni oħra tal-Qorti.

2.13. Permezz ta' rikors datat 11 t' Ottubru 2017, in-Nutar Vella Zarb informa lill-Qorti li kien irnexxielu jsib il-prokura u d-delega neqsin mill-annessi tal-atti 187 u 189 tal-1989 u talab l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dawn iż-żewġ dokumenti jiġu minnu kkonsenjati lill-arkivista nutar tal-Gvern fejn attwalment jinsabu dawn il-volumi sabiex jiġi legali mal-atti rispettivi.

2.14. Permezz ta' digriet mogħti fit-12 t' Ottubru 2017, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili laqgħat it-talba u filwaqt li ordnat lin-Nutar jagħmel dan mhux aktar tard mill-għada, ordnat lill-arkivista jinformaha li dan ikun sar. Filfatt, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern u Konservatur tal-Arkivji Nutarli ikkonferma li dan sar l-għada stess.

2.15. Permezz ta' deċiżoni finali mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, iddeċidiet illi:

> '…
>
> *Nonostante li issa din il-Qorti tinsab infuramata li l-oriġinal ta' din il-prokura u d-delega ġew issa inseriti mal-atti rispettivi tagħhom li jinsabu fl-Arkivju Nutarili, konformement ma dak li ġie deċiż illum stess fl-atti tar-rikors 71/17, li għalih din il-Qorti qed tagħmel pjena riferenza a skans ta' ripetizzjoni inutli, din il-Qorti skond l-artikolu 94B(8) hija marbuta bil-liġi li għal dan in-nuqqas timponi ammenda ta' ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa mid-data tad-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 2015 sat 13 t' Ottubru, 2017 meta finalment ġie esegwit dan l-ordni. Peró, peress li din l-ammenda in parte hija ġja kompriża f' dik li ġie kkundannat għaliha n-Nutar Vella Zarb fid-deċiżjoni l-oħra li ngħatat illum, li kienet tkopri l-perjodu mis-17 ta' Novembru, 2015 sal-20 ta' Ġunju 2017, hu għandu jkun soġġett għall-ammenda ulterjuri biss għall-perjodu mill-20 ta' Ġunju, 2017 sat-13 t' Ottubru, meta finalment ottempora ruħu.*
>
> *Konsegwentement, wara li rat l-art. 94B(8) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lin-Nutar Dottor Charles Vella Zarb għall-ammenda ta' ħamsin Ewro (€50) fil-gimgħa jew parti minn ġimgħa għall-perjodu ta' sbatax (17) il-ġimgħa li għaddew bejn l-20 ta' Ġunju 2017 sat-13 t'Ottubru, 2017, ammontanti ggal tmin mija u ħamsin Ewro (€850).*
>
> *Sante li fid-deċiżjoni tagħha tal-lum fl-atti tar-rikors numru 71/17, il-Qorti diġa applikat b'mod definittiv u konklussiv kundanna ta' inabilitazzjoni parzjali ta' tlieta u għoxrin (23) xahar li jagħlqu llum, ma tarax li hemm lok għall-inabilitazzjoni ulterjuri fuq dan il-każ separatament.*
>
> *Finalment tordna li issa, li dak li kien ġie ordnat b' riferenza għall-atti tas-sena 1989 sar, dawn l-atti jiġu depożitati u arkivjati definittivament fl-Arkivji Nutarili fejn ġja jinsabu u għandhom jitqiesu li ġew vizitati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.'*

3. Minn din id-deċiżjoni appella n-Nutar Vella Zarb. L-aggravji tiegħu huma illi l-Ewwel Qorti:

    i. ma tagħtux l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet jew li jressaq il-provi tiegħu;

    ii. għamlet kemm applikazzjoni kif ukoll interpretazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli meta ddikjarat li fil-każ in eżami l-istess Qorti kienet legalment korretta meta imponiet sospensjoni parzjali fuqu mill-eżerċizzju tal-Professjoni ta' Nutar Pubbliku u imponiet ammenda ta' ħamsin Ewro fil-ġimgħa.

4. L-Avukat Ġenerali appellat da parti tiegħu wieġeb li l-appell għandu jiġi respint u d-deċiżjoni appellata kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet:**

5. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tagħtux l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet jew li jressaq il-provi tiegħu. Jgħid li huwa ppreżenta ruħu għal qari ta' sentenza fl-atti tar-rikors 71/17 u ma kien ġie infurmat bl-ebda mod li dakinhar l-istess Qorti kienet ser tgħaddi xi ġudizzju fil-konfront tiegħu fuq il-każ in eżami. Jilmenta għalhekk li f'dan il-każ ma ġewx rispettati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u li konsegwentement għandhom iwasslu għat-tħassir tas-sentenza *de quo*.

6. F'dan il-każ qabel id-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru, 2017 li dwarha jitratta l-appell, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili ma tatx digriet li bih reġgħet appuntat il-każ għas-smigħ wara li kienu instabu d-dokumenti meritu tal-każ. Li ġara hu dakinhar l-appellant deher quddiem dik il-qorti fir-rigward tal-każ l-ieħor meritu ta' appell 2/17, deċiż ukoll illum. F'dik is-seduta il-Qorti ta' Reviżjoni qabdet u tat deċiżjoni li biha kkundannat lill-appellant iħallas ammenda fis-somma ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) għall-perjodu 20 ta' Ġunju, 2017 sat-13 ta' Ottubru, 2017.

7. Mill-atti hu altru milli evidenti li l-ewwel qorti lanqas biss ma tat l-opportunita' lill-appellant sabiex jiftaħ ħalqu (ara l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2017) u tat deċiżjoni li evidentement kienet diġa miktuba.

8. Dak m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. L-ewwel qorti kellha tagħti l-opportunita' lill-appellant sabiex għallinqas jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dak li kellha f'moħħha il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili. Is-sorpriżi m'għandhomx post fi proċeduri ġudizzjarji. Il-ġustizzja naturali hi komponent essenzjali tal-mekkaniżmu li minnu jrid igħaddi l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni.

9. Hu veru li fid-deċiżjoni l-ewwel qorti qalet li, *"…. **skont l-artikolu 94B(8) <u>hija marbuta bil-liġi</u> li għan in-nuqqas timponi ammenda ta' ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa** mid-data tad-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 2015 sat-13 t'Ottubru, 2017 meta finalment ġie eżegwit dan l-ordni"*. Minkejja li l-ewwel qorti qalet li kienet marbuta bil-liġi li timponi ammenda fuq l-appellant, xorta kellha tagħtih l-opportunita li jiddefendi ruħu billi jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu u wara jagħmel l-argumenti tiegħu għalfejn ma kellhiex tiġi imposta ammenda fuqu. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li f'dan l-istadju tara jekk l-appellant setax iressaq xi argumenti validi biex jevita l-ammenda kontemplata fl-artikolu 94B(8) tal-Kap. 55. Dak li jikkonċerna lil din il-

qorti hu biss jekk bil-mod li pproċediet l-ewwel qorti, kienx hemm *procedural fairness*.

10. M'hemmx dubju li bil-mod kif aġixxiet l-ewwel qorti ssorprendiet lill-appellant għaliex wara d-digriet tas-17 ta' Novembru, 2015 l-ewwel qorti ma kinitx tat digriet ieħor li bih appuntat il-każ għas-smiegħ għas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2016 u nnotifikat lill-appellant. M'huwiex aċċettabbli li bord/tribunal/qorti jissorprendi b'dak il-mod parti li tkun attendiet għal seduta ta' każ ieħor.

11. L-Avukat Ġenerali argumenta li din il-qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar il-prinċipju tal-ġustizzja naturali għaleix m'hijiex qorti ta' *'kompetenza kostituzzjonali'*. Din il-qorti ma taqbilx. Fejn jirriżulta li f'xi stadju ta' proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji parti ma jkunx ingħata l-jedd li jiddefendi ruħu, din il-qorti għandha l-awtorita' li tħassar is-sentenza. Dak hu wkoll parti mill-istħarriġ li qorti ta' reviżjoni tista' tintalab tagħmel. M'hemmx għalfejn tkun qorti kostituzzjonali sabiex tiddetermina jekk il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Att Notarili kisritx il-prinċipju tal-ġustizzja naturali. F'dan il-każ l-appellant ma bbażax l-ilment tiegħu fuq il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 319. L-ilment tiegħu hu bażat fuq in-nuqqas ta' *procedural fairness* fil-mod kif l-ewwel qorti ssorprendietu u tat deċiżjoni f'każ li lanqas biss ma kien ġie appuntat għas-smiegħ.

12. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti m'għandhiex triq oħra għajr li tħassar id-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru, 2016, li jfisser li l-appellant ser jitpoġġa fl-istat li kien qabel ingħatat dik id-deċiżjoni.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel aggravju u tħassar id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili tas-17 ta' Ottubru, 2017 li biha l-appellant ġie kkundannat iħallas ammenda ta' €850. Tpoġġi lill-appellant fl-istess posizzjoni li kien qabel ingħatat dik id-deċiżjoni u tibgħat l-atti lura lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili.**

**Spejjeż jibqgħu bla taxxa ġialadarba l-appellat ma kellux tort b'dak li ġara.**

Anthony Ellul.